# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

## ILLUM, 27 TA' MEJJU, 2021.

## Rikors Nru. 124/21GM

**Cleanmasters Co. Ltd. (C-18024)**

vs

**Steel Structures Company Ltd. (C-4192)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-socjeta` attriċi li wara li ppremettiet illi:-

> Mis-sena 2016 lil hawn, is-soċjeta` attriċi Cleanmasters Co. Ltd. issuplixxiet diversi servizzi ta' tindif lis-soċjeta` konvenuta Steel Structures Ltd.
>
> Is-soċjeta` attriċi ħarġet diversi fatturi lis-soċjeta` konvenuta, liema fatturi qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok A.

Is-somma globali dovuta mis-soċjeta` konvenuta lis-soċjeta` attriċi tammonta għall-sitta u għoxrin elf ewro, ħames mija, disgha u sebgħin ewro punt tnejn u erbgħin ċenteżmu (€26,579.42) u dan skont rendikont hawn anness u mmarkat bħala Dok B.

Għalhekk is-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta' sitta u għoxrin elf ewro, ħames mija, disgha u sebgħin ewro punt tnejn u erbgħin ċenteżmu (€26,579.42).

L-imsemmi ammont ta' sitta u għoxrin elf ewro, ħames mija, disgha u sebgħin ewro punt tnejn u erbgħin ċenteżmu (€26,579.42) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mis-soċjeta` konvenuta lis-soċjeta` attriċi u għalhekk fil-fehma tas-soċjeta` attriċi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ billi fil-fehma tal-istess soċjeta` attriċi, is-soċjeta` konvenuta m'għandhiex eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.

Għalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa' ma tħallasx mis-soċjeta` konvenuta u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Fl-umli fehma tas-soċjeta` attriċi, is-soċjeta` konvenuta ma għandhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti għat-talbiet attriċi.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara lis-soċjeta` Steel Structures Limited hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi Cleanmasters Co.Ltd għas-somma ta' sitta u għoxrin elf Ewro, ħames mija, disgha u sebgħin ewro punt tnejn u erbgħin ċenteżmu (€26,579.42) għal diversi servizzi ta' tindif provduti mis-soċjeta` attriċi lis-soċjeta` konvenuta.

3. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' sitta u għoxrin elf ewro, ħames mija, disgha u sebgħin ewro punt tnejn u erbgħin ċenteżmu (€26,579.42) għar-raġunijiet kif hawn fuq dettaljati.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra s-soċjeta` konvenuta.

Rat in-Nota tas-soċjeta` konvenuta ppreżentata fit-22 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha aċċettat l-ammont indikat mis-soċjeta` attriċi bħala l-ammont dovut.[1]

Rat il-verbal tal-lum li permezz tieghu l-partijiet qablu li parti minn l-ammont thallas u li l- bilanc issa hu ta' €15,579.42.

Billi mill-ammissjoni tas-soċjeta` konvenuta, t-talba dedotta fir-rikors maħluf tirriżulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-soċjeta` konvenuta tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta` attriċi kif dedotta fir-rikors maħluf billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara lis-soċjeta` Steel Structures Limited hija debitriċi tas-soċjeta attriċi Cleanmasters Co. Ltd fis-somma ta' €15,579.42 għal diversi servizzi ta' tindif provduti mis-soċjeta` attriċi lis-soċjeta` konvenuta.

3. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' €15,579.42, bl-imgħax legali mid-dati tad-diversi fatturi esibiti a fol 4 tal-proċess sad-data tal-ħlas effettiv.

[1] Fol 16

Bl-ispejjeż a karigu tas-soċjeta` konvenuta.

Moqrija.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA